**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 t' Ottubru, 2018**

**Talba Nru: 438/2018 PM1**

**Charles Pantalleresco (ID 683435(M))**

**Vs**

**Abubaker Mansaray (ID 52011(L))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlieta (3) ta' Settembru, 2018 illi permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess attur is-somma ta' elfejn, mitejn u erbgha u erbghin euro u centezmu (€2,244.01) liema somma komplessiva giet mislufa lilu brevi mano mill-istess attur u liema somma komplessiva hija certa, likwida u ghalqet u hija minnu dovuta, flimkien mal-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma precitata mid-data tal-ittra ufficjali numru 809/2018 fl-ismijiet premessi prezentata kontra l-konvenut a tenur tal-art. 166A tal-Kap. 12 fid-19 t'April, 2018

sal-hlas effettiv kif ukoll bl-ispejjez tal-kawza odjerna u tal-imsemmija ittra ufficjali numru 809/2018 kontra l-konvenut.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-11 t'Ottubru, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tal-11 t'Ottubru, 2018 u fil-fatt ma deher hadd ghall-konvenut sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv illi, in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet fuq is-sorte jiddekorru min-notifika tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja lill-konvenut konsistenti, f'dan il-kaz, mill-ittra ufficjali numru 809/2018.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn, mitejn u erbgha u erbghin euro u centezmu (€2,244.01) rapprezentanti somma mislufa lill-konvenut mill-istess attur flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-istess somma mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja bl-ispejjez tal-kawza odjerna u tal-ittra ufficjali numru 809/2018 kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**